# Network Dinji ta' Talb mal-Papa

**Il-Fehma tal-Papa għal Awwissu 2022**

Il-Papa Franġisku jistedinna biex matul dan ix-xahar ningħaqdu flimkien u nitolbu:-




**Għan-negozji żgħar u medji f'din il-kriżi ekonomika u soċjali biex jinstab il-mod kif jibqgħu miftuħa u jaqdu lil-lokalitajiet tagħhom.**

***Nitlob:***

Ibgħatilna, Mulej, l-Ispirtu kreattiv tiegħek u għarrafna kif inġeddu u nħarsu n-negozji ż-żgħar li minnhom jiddependu l-għixien ta' ħafna nies.

***X'nista' nagħmel:***

Matul dan ix-xahar nitlob għall-ħarsien tan-negozji ż-żgħar. Nixtri u ninqeda bis-servizzi li joffru n-negozji ż-żgħar fl-ambjent fejn noqgħod. Fejn nista', nipprova ngħin lil min hu għaddej minn xi problema ekonomika.